MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI ISTRUTTORJA

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2006

Numru. 91/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ian J. Abdilla)**

**vs**

**Melvin Zammit**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Melvin Zammit** ta' 24 sena, bin Martin u Mary *nee'* Camilleri, mwieled il-Pieta' fis-7 ta' Settembru, 1981, residenti 71, Triq Angelo Melilli, Zebbug, u detnetur tal-karta tal-identita' numru 490481M;

Talli fl-14 ta' jannar, 2005, u fil-granet ta' qabel, f'Haz-Zebbug u f'diversi postijiet ohra gewwa Malta, minghajr awtorita' legali jew minghajr skuza legittima jew ragonevoli xtrajt jew ircevejt min ghand xi persuna, kif ukoll kellek filpussess tiaghek, biljetti tal-flus Maltin falsifikati, meta kont taf li l-istess huma falsifikati u dan bi ksur tal-artikolu 46 tal-Kap 204 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabilliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti;

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat\i ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif kontemplat fl-artiklu 553 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat;

Stante li l-avukat generali ma tax il-kunsens tieghu ghas-smiegh tal-kaz bil-procedura sommarja, l-Qortiipposponiet il-kumpilazzjoni u wara li tat zmien sufficjenti l-imputat rega ikkonferma l-ammissjoni tieghu;

Rat l-atti tal-kumpilazzjoni. Bl-ammissjoni tal-imputat ssibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu;

Rat l-artiklu 46 tal-Kap 204.

Rat il-fedina penali nadifa tal-imputat;

Tikkundannah ghall-perjodu ta' prigunerija ta' hmistax (15)-il xahar mil-lum, liema terminu ma jiddekorrix hlief jekk l-imputat jikkommetti rejat iehor sa zmien sentejn (2) mil-lum skond l-artikolu 28 A tal-Kap 9.

Stante illi l-proekuzzjoni ma esebiet l-ebda oggett f'dan il-kaz, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-prosdkuzzjoni ghal-konfiska tal-oggetti kollha esebiti;

Il-Qorti spjegat l-obbligi tal-imputat naxxenti minn din is-sentenza u tordna li dawn l-atti jintbaghtu ghand l-avukat generali fiz-zmien li trid il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------